MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 237/1998/1

**Brian Tanti**

**vs**

**Raymond Farrugia u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2000 gie kjamat in kawza Paul Debono**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fit-3 ta' Gunju 1997 sehh incident awtomobilistiku f'Tabia Road, Rabat, Malta, bejn il-vettura ta' l-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni G-6904 misjuqa mill-attur, u l-vettura ossija Mini-Bus bin-numru ta' registrazzjoni HMY-250, misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja,

negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, kif ser jirrizulta mix-xhieda u mill-iskizz tal-pulizija hawn annessa u mmarkat bhala Dok "A";

Illi fl-imsemmi incident awtomobilistiku l-attur sofra danni konsistenti fi hsarat fil-vettura tieghu ta' l-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni G-6904, tant illi l-imsemmija vettura spiccat "beyond economical repair", kif jirrizulta mill-anness "survey report", hawn anness u markat Dok. `B';

Illi l-attur interpella lill-konvenut biex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

(i) tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Gunju, 1997 f'Tabia Road, Rabat, Malta bejn il-vettura ta' l-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni G-6904 misjuqa mill-attur, u l-vettura ossija Mini-Bus bin-numru ta' registrazzjoni HMY-250, misjuqa mill-konvenut, sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut;

(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur kawza ta' l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi; u

(iii) tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjez kollha inluza s-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) spejjez extra-gudizzjarji u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-eccipjenti ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Gunju 1997 f'Tabia Road, Rabat, Malta, billi dan l-incident gara unikament tort u htija ta' l-attur stess, Brian Tanti, u dana kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija, fejn jidher car illi waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu G-6904 tilef il-kontroll u habat mal-vettura numru HMY 250 li dak il-hin kienet wieqfa ghal kollox;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenut t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Jannar 2000 li bih gie kjamat fil-kawza Paul Debono;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2000 minn fej jirrizulta li l-kjamat fil-kawza aderixxa man-nota ta’ eccezzjonijiet gia presentata mill-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Novembru 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-kollizzjoni in kwestjoni jammontaw ghas-somma ta’ elf tlett mija u hamsin liri maltin (Lm1350);

Semghet lill-attur u lill-kjamat fil-kawza u lix-xhieda prodotti minnhom;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni tieghu l-attur jghamel referenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Gunju 1997 f'Tabia Road, Rabat, Malta, li fih hu kien involut bil-vettura tieghu ta' l-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni G-6904 u kien ukoll involut fih il-konvenut li kien qed isuq il-mini-bus bin-numru ta' registrazzjoni HMY-250. L-attur isostni li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut. L-attur ikompli jippremetti li bhala konsegwenza ta’ dan l-incident huwa sofra danni fl-imsemmija vettura tieghu li giet dikjarata bhala "beyond economical repair". Ghalhekk l-attur qed jitolob li jigu likwidati dawn id-danni u li konsegwentement il-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Bid-digriet ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Jannar 2000 gie kjamat fil-kawza Paul Debono. Il-konvenut u l-kjamat fil-kawza qed jeccepixxu li huma b'ebda mod ma kienu responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li l-istess incident gara unikament tort u htija ta' l-attur;

Jirrizulta li in effett il-van transit, ovvero l-mini bus, hu proprjeta tal-konvenut pero’ meta sehh l-incident kien qed jigi misjuq mill-kjamat fil-kawza. Jirrizulta ukoll li l-istess incident sehh tard bil-lejl;

L-attur jghid li huwa kien qed isuq fi Triq Tabia Rabat li hi triq principali u kien gej mid-direzzjoni tal-Roman Villa. Huwa jghid li f'hin minnhom il-kjamat fil-kawza b’van transit HMY-250 gie minn Triq Santa Rita, cioe’ minn triq laterali fuq ix-xellug tieghu. Minn fejn kien hiereg il-kjamat fil-kawza hemm “stop sign”. L-attur ipprova jevita lill-kjamat fil-kawza u ghalhekk mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, pero dak il-hin kienet gejja karozza mid-direzzjoni opposta u ghalhekk l-attur rega dahal fuq in-naha tieghu u kien f'dan il-mument li huwa laqat il-van Tansit, li dak il-hin kien wieqaf. Sussegwentement l-attur baqa diehel fit-traffic island u wara nqaleb fuq il-genb tan-naha tal-lemin tal-karozza minnu misjuqa. L-attur jghid li kien ghaddej bejn 35 sa 40 mil fis-siegha. Huwa jghid li ghall-ewwel li ra l-van Transit dan kien ghadu miexi. L-attur jghid li tilef il-

kontroll tal-karozza tieghu wara li mar fuq in-naha l-ohra tat-triq u meta ra karozza ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa pero' kkonferma li dak il-hin li laqat it-Transit huwa kien gia tilef il-kontroll tal-vettura tieghu;

Il-kjamat fil-kawza jghid li huwa kien hiereg minn Triq Santa Rita. Huwa kkonferma li waqaf fejn hemm l-istop sign u waqaf wara li baqa hiereg xi nofs metru sabiex ikun jista jispezzjona t-traffiku li jkun gej, b'mod partikoloari dak gej min-naha tal-lemin tieghu. Wara li hekk waqaf, il-kjamat fil-kawza jghid li ra l-attur gej minn-naha tal-lemin tieghu, rah imur fuq in-naha l-ohra tat-triq, u wara rega' dawwar ghan-naha t-tajba tat-triq, u dak il-hin l-attur baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-kjamat fil-kawza. Il-kjamat fil-kawza qal li wara l-habta l-attur stqarr li kienet haditu d-dawra. Hawnhekk qed issir referenza ghal liwja li hemm ftit qabel ma tisbokka Triq Santa Rita go Tabia Road. Il-kjamat fil-kawza jghid li l-attur kien qed isuq b'velocita eccessiva ghar-rigward tal-imsemmija dawra. Il-kjamat fil-kaza jghid ukoll li fl-ebda hin ma ra karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta ta' kif kien gej l-attur;

Hu aktar verosimili dak li jghid il-kjamat fil-kawza. Difatti jirrizulta li l-attur ta versjoni differenti lill-ufficjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni u dan ftit wara li sehh l-incident. Lill-imsemmi ufficjal tal-pulizija l-attur qallu li huwa kien gej minn naha tar-Roman Villa u fil-liwja hass li xi haga kienet sejra hazin fl-isteering. Hu qal li ghalhekk tilef il-kontroll u ghalhekk ukoll habat mal-van transit;

Difatti jirrizulta l-attur kien hiereg minn liwja li tinsab appuntu go Tabia Road. Minn din il-liwja safejn tisbokka Triq Santa Rita hemm qisu bejn 40 u 50 metru. Jidher li l-attur kien ghaddej b'velocita' eccessiva ghar-rigward tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom u ghalhekk tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq. Inoltre xhud okulari, John Gouder, sostanzjalment jikkonferma dak li qal il-kjamat fil-kawza;

Fid-dawl ta dan kollu ma jistax jinghad li t-talbiet tal-attur gew sufficjentment pruvati. Minn-naha l-ohra, dejjem skond ir-rizultanzi, jirrizulta li l-eccezzjonijiet kif sottomessi kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamat fil-kawza ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------